MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2014

Numru. 762/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs**

**Anna Debono**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Seduta tat-Tnejn 15 ta' Dicembru, 2014**

Kaz Nru: 762/2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Anna Debono ta' 61 sena bint Nicholas Azzopardi u Gemma nee' Mallia Milanes imwielda Senglea, Malta fl-1 ta' April 1952, residenti fi 77, Triq iz-Zonqor, Marsascala detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 302552M talli:

Fid-9 t'Awwissu 2011 u xhur ta' wara fl-istess sena, f'Malta u bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, impjegat jew tat xoghol lil persuna li ma kienx/kenitx persuna ezenti u li ma kelliex licenza moghtija lilha ghal dak l-impieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi, bhala persuna responsabbli li kien qed isir f'Malta, impjegat persuna li ma kenitx cittadin ta' Malta meta din il-persuna ma kellhiex permess validu u ufficjali.

U aktar talli fl-istess cirkustanzi bhala principal jew persuna li timpjiega persuni ohra, full time, part time, jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinite jew bi prova, naqset li tinnotifika lill-Korporazzjoni tax-xoghol u tahrig b'dan l-impieg kif hemm stabbilit fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (3a sa 10).

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata tinsab akkuzata li fid-9 ta' Awwissu 2011 u xhur wara ta' l-istess sena impjegat jew tat xoghol lil persuna li ma kinitx ezenti u li ma kellhiex licenzja moghtija lilha ghal dak l-impjieg jew xoghol bi ksur tal-Kap 217; (ii) li impjegat persuna li ma kinitx cittadina Maltija minghajr permess validu w ufficjali; u (iii) li ma nnotifikatx lill-ETC.

Illi mill-provi jirrizulta li l-imputata ghandha l-kariga ta' *general manager* mal-kumpanija Liberty International Malta Ltd u dan sa mill-1 ta' Novembru 2010[1].

Illi l-Ispettur Camilleri xehdet[2] li fit-2 ta' Awwissu 2013 kienet tal-ghassa Immigration u giet infurmata mill-ghassa ta' San Giljan li kienet giet arrestata mara Izraeljana li kienet inqabdet tahdem ma' kumpanija (li ma kinitx Liberty International Malta Ltd) fejn kienet qeghda tqassam xi leaflets u kienet qeghda tagixxi ta' gwida turistika. Hija giet arrestata allegatament ghaliex kienet qeghda tahdem f'Malta illegalment. Fil-fatt minn verifiki li twettqu rrizulta li din il-mara kienet Lihi Ziv u li ma kellhiex permess biex tahdem. Din Ziv infurmat lill-Ispettur li hija kienet ilha gejja u sejra Malta u li kienet precedentement hadmet ma' kumpanija bl-isem Liberty International Malta Ltd u semmiet lill-

[1] Dok JS1 a fol 71 tal-process.
[2] Seduta tal-25 ta' Novembru 2013

imputata li kienet qeghda thaddimha biex tmexxi t-turisti ghaliex din kienet kumpanija fis-suq tat-turizmu provenjenti mill-Izrael. Ziv qaltilha wkoll li kienet Anna Debono li thallasha.

Lihi Ziv xehdet[3] li fid-9 ta′ Awwissu 2011 kumpanija Izraeljana bl-isem Eshet Tours baghtitha biex tahdem mal-kumpanija Liberty International Malta Ltd. Hija xehdet li xi drabi kienet thallasha l-imputata bi flus kontanti tax-xoghol taghha u drabi ohra xi ufficjal iehor fil-kumpanija. Hija hadmet mal-kumpanija mid-9 ta′ Awwissu 2011 sat-3 ta′ Ottubru 2011. Spjegat li kienet tmur tlett darbiet fil-gimgha ghal kull titjira li tasal minn Tel Aviv biex tigbor lill-persuni Izraeljani u tbieghilhom tours. Hija xehdet li ma kellhiex permess biex tahdem f′Malta. In kontro-ezami spjegat li l-kumpanija Liberty International Malta Ltd kellha bzonn nies mill-Izrael u Eshet Tours baghtet in-nies ghall-kumpanija Maltija. Hija xehdet li dwar il-kundizzjonijiet tax-xoghol taghha tkellmet ma′ Anna Debono[4] inkluz dwar hlas u kkonfermat li Anna Debono gieli hallset flus kontanti. Hija qatt ma ffirmat kuntratt tax-xoghol.

L-imputata ghazlet li tixhed f′dawn il-proceduri[5] u spjegat li hija tiehu hsieb l-*operations* tal-kumpanija fuq ix-xoghol li jidhol u l-impjegati li jkollhom problemi dejjem iduru ghandha. Hija tirrispondi lid-Diretturi ghal xogholha. Hija tichad li impjegat lil Lihi Ziv u sostniet li ma tigix minghandha biex timpjega n-nies. Ikkonfermat li kienet kellmitha pero′ cahdet li qatt tatha xi flus. In kontro-ezami xehdet li ma dahlitx fil-mertu jekk Ziv kellhiex work permit biex tahdem mal-kumpanija.

Illi mill-provi akkwiziti l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-imputazzjonijiet kollha sal-grad rikjest mil-ligi. Infatti jirrizulta li l-kumpanija Liberty International Malta Ltd kellha bzonn persuna mill-Izrael sabiex tkun tista′ tahdem mat-turisti Izraeljani li kienu jigu Malta.

[3] Seduta tal-25 ta' Novembru 2013

[4] Seduta tal-11 ta' Settembru 2014
[5] Seduta tal-24 ta' Settembru 2014

Il-kumpanija Eshet Tours baghtet lil Lihi Ziv f'Malta biex tahdem mal-kumpanija Maltija li maghha tahdem l-imputata bhala *general manager*. Gie ppruvat li Lihi Ziv waslet f'Malta fid-9 ta' Awwissu 2011. Li Lihi Ziv hadmet ghal Liberty International Malta Ltd jinsab ukoll ippruvat mill-ittra datata 5 ta' Dicembru 2011[6] miktuba minn Anna Debono fil-vesti taghha ta' general manager mal-kumpanija li fiha jinghad li Ziv *"has been working in Malta with our company, as a representative for the Hebrew clients, from the 9th August 2011 to 2nd October 2011. She did her job with dedication and gave her best to the clients"*. Irrizulta wkoll li l-ftehim dwar il-kundizzjonijiet tax-xoghol sar ma' Anna Debono – tant huwa hekk li l-ittra tar-referenza saret mill-imputata u fix-xhieda taghha kkonfermat li hija tkellmet ma' Lihi Ziv. Irrizulta wkoll li qatt ma hareg permess tax-xoghol hawn Malta lil Lihi Ziv[7] u li l-imputata ma vverifikatx jekk Ziv kellhiex permess biex tahdem jew le.

L-imputata ssostni li ma kinitx hija li impjegat lil Ziv u li m'ghandhiex dan l-inkarigu fi hdan il-kumpanija. F'dan l-istadju ssir referenza ghall-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kapitolu 249)li jghid hekk:

*"Meta xi reat taht jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun ghadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew ghaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna guridika jew le, kull persuna li, fil-hin tal-eghmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew kienet tidher li qed tagixxi f'dik il-kariga, tkun hatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha u li tkun ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat:"*

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Joseph Cauchi**[8] gie ritenut:

*" In kwantu ghall-aspett 1c. ta' dan l-ewwel aggravju, kienu x'kienu l-arrangiamenti interni dwar id-distribuzzjoni tal-funzjonijiet interni fi hdan l-ghaqda kien id-dover tal-ufficjali tal-ghaqda li jigi assigurat li f'tali distribuzzjoni jittiehed qis tad-doveri imposti fuqhom bil-ligi u in partikolari bl-artikolu 13 tal-Kap. 249. Ma jistghux l-istess ufficjali jezimu ruhom mir-responsabilita' imposta fuqhom bil-ligi billi internament jiddistribwixxu l-*

---

[6] A fol 36 tal-process
[7] Xhieda Joseph Saliba rapprezentant ETC fis-seduta tat-13 ta' Frar 2014
[8] Qorti tal-Appell Kriminali deciz fit-23 ta' Marzu, 2012

*funzjonijiet taghhom b'mod li jqeghdu lilhom infushom fil-pozizzjoni li ma jkunux jistghu jespletaw dik ir-responsabilita' bid-diligenza mehtiega minnhom skont il-ligi. Kien obbligu impost fuq il-President bl-artikolu 13 tal-Kap. 249 li biex jezimi ruhu mir-responsabilita' ghal reati kommessi mill-ghaqda kien mehtieg minnu li jezercita d-diligenza kollha xierqa biex jevita l-eghmil tar-reat. Dan jimplika li kellu d-dover li jezercita dik id-diligenza fis-sorveljanza tal-affarijiet tal-ghaqda biex jevita l-eghmil tar-reat."*

Illi kif diga gie rilevat irrizulta li l-imputata hija *general manager* tal-kumpanija li hadmet lil Lihi Zic, cittadina Izraeljana, meta din ta' l-ahhar ma kellhiex permess biex tahdem f'Malta. Irrizulta wkoll li l-imputata ma vverifikatx jekk l-istess Lihi Ziv kellhiex il-permess necessarju u ghalhekk irrizulta li hija ma haditx il-prekawzjonijiet kollha biex dan ir-reat ma jitwettaqx mill-kumpanija.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qeghda tinstab hatja l-imputata u l-fatt li l-fedina penali ta' l-imputata hija wahda netta.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikolu 32(1)(b) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolamenti 3, 4, 7 u 10 tal-Legislazzjoni Sussidarja 343.23 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tikkundannaha thallas multa ta' elf u hames mitt euro (€1,500).

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------